17 ta' Jannar, 1953

Imħallef :
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* George Vigo

**Traffiku — Kolliżjoni — Żball ta' Kalkolu.**

*Meta kolliżjoni hija kaġunata minħabba żball ta' kalkolu da parti taż-żewġ drivers implikati fiha, u jkun diffiċli, jekk mhux impossibili, li jiġi aċċertat min minnhom kien il-kawża prossima tal-kolliżjoni, il-Qorti ma tistax tinklina lejn banda jew oħra u titfa' r-responsabilità tal-kolliżjoni fuq driver jew ieħor.*

Fuq l-imputazzjoni illi minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġini u inosservanza tar-regolamenti, waqt li kien qiegħed isuq motor car nru. 6377 ħabat ma' motor car. nru. 700 u għamel ħsara lil din il-car għad-dannu ta' Joseph Mamo, l-imputat, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-5 ta' Novembru 1952, ġie misjub ħati skond l-imputazzjoni, u ġie kundannat għall-piena tal-multa ta' £2;

Trattat l-appell ta' l-imputat minn din id-deċiżjoni, il-Qorti, wara li semgħet il-provi u l-argumenti, ikkunsidrat;

Il-fatti kienu, fil-qosor, dawn. Pisani, chauffeur ta' Joseph Mamo, kien għaddej minn Kingsway, f'dik il-parti tagħha bejn Britannia Street u South Street, isuq il-car, b'sidha ġewwa, ħiereġ għal Porta Rjali. L-imputat kien ġej isuq mid-direzzjoni opposta, dieħel il-Belt. Quddiem il-ħanut imsejjaħ "tal-Captain" kien hemm żewġ trucks weqfin, wara xulxin; u peress

li l-car misjuq minn Pisani hu "left hand drive", dan kellu l-viżwali ostakolata; iżda l-prinċipal tiegħu, li kien in-naħa l-oħra tal-car, ittawwal u qallu li seta' jaqbeż it-trucks, kif fil-fatt Pisani għamel. Fil-waqt li l-karrozza ta' Mamo kienet għadha sporġuta l-barra *min-naħa ta' wara, minħabba li ma kienetx għad-dritt*.......... saret il-ħabta mal-karrozza misjuqa mill-imputat—ħabta li, milli jidher, kienet ħafifa, għax il-karrozzi kellhom biss ftit brix man-naħa tal-lemin;

Ma jidherx mill-provi li l-imputat kien qiegħed isuq b'xi speed eċċessiv. *Ċert li kien korrettament fuq is-side tiegħu, u* li f'dak li jissejjaħ "agony of collision" hu applika l-brakes u steerja lejn ix-xellug tiegħu aktar, avvolja kien diġà biss xi żewġ piedi mill-bankina tan-naħa tiegħu. Ma hemm xejn li jista' jagħti tort lill-imputat;

*Mill-kumpless tal-provi l-Qorti waslet għall-konvinzjoni li* ż-żewġ drivers ħasbu li setgħu jgħaddu. Pisani kkalkola li jkun laħaq id-dritta għal kollox b'mod li l-imputat jista' jgħaddi, u l-imputat ikkalkola l-istess ħaġa; mentri fil-fatt, aktarx peress li l-car ta' Mamo hi ta' "make" goffa għat-triqat tal-wisa' ta' Kingsway (fiha infatti tul ta' 24 pied), il-manuvra ma laħqetx *ikkompletat ruħha għal marġini żgħir ħafna, u l-karrozzi żbrix*-xaw. Għalhekk ma kienx hemm mill-parti ta' l-imputat nuqqas ta' għaqal, u lanqas negliġenza jew inosservanza ta' regolamenti, imma se maj "error of judgment"; però ta' entità hekk traskurabili, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, li ma jammontax għal imperizja, u ma jikkostitwix "criminal misconduct";

Hu veru li skond il-Lex Aquilia "et laevissima culpa venit"; imma hu veru wkoll li fil-proċeduri kriminali jeħtieġ li jkun hemm "such culpable negligence as amounts to criminal misconduct" (Harris & Wilshere, p. 21);

Ċert hu li, fi kwalunkwe każ, bejn iż-żewġ "*errors of* judgment" hu diffiċili, jekk mhux impossibili, li jiġi aċċertat liema minnhom kien il-kawża prossima ta' dak li ġara. Għalhekk il-każ hu wieħed minn dawk eċċezzjonali li fihom, kif

**igħidu l-ġuristi ingliżi**, "the case is left in equilibrium, and the Court is not entitled to incline the balance one way or another";

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, **tirrevoka fil-konfront** ta' l-appellant is-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.